# NIĊEĊ U STATWI

## I

Waqt li konna nqallbu fil-Bibljoteka biex naraw insibux xi ħaġa ġdida fuq Ġrajjiet Artna, iltqajna ma' kitba li turi il-Ġrajja ta' kif saru u l-għala saru xi Niċeċ u Statwi fit-Toroq u fil-Pjazez ta' xi Rħula—Ġrajja, li, sa fejn nafu aħna, tista' tgħid, ftit li xejn huma dawk li jafu bihom. Għalhekk nibdew inġibuhom hawn, ftit kull darba.

*In-Niċċa tal-Patrijarka San Ġużepp, għarus ta' Marija V., li qiegħda fit-triq li minn Ħaż-Żabbar tâti għaż-Żejtun.*

Fl-1785, nhar l-Appostli S.S. Pietru Pawl, niżlet ħafna xita qawwija li għamlet bosta ħsara fuq Artna. F'waqt li din ix-xita kienet nieżla fuq Gżiritna, Ġużê Montebello, bin Wiġi, minn Ħaż-Żabbar, għall-kbira devozzjoni li kellu lejn San Ġużepp, wiegħed li jagħmel Statwa lil l-imsemmi Qaddis, kif wara hekk għamel.

It-triq li fiha ġiet imqiegħda l-imsemmija Statwa, jisimha Strada San Giuseppe jew Via Żejtun, u hija l-istess triq, li, kif igħid is-Sur Vella f'"*Ħaż-Żabbar bil-Ġrajja tiegħu*" li kiteb, minn jaf kemm iż-Żabbarin terrqu minnha għaż-Żejtun, qabel ma Ħaż-Żabbar sar parroċċa għalih.

L-Isqof Labini, fl-14 ta' Diċembru 1785, ta xi indulgenzi għal min igħid *Pater* u *Ave* quddiem dina x-xbieha ta' San Ġużepp.

*It-tliet Slaleb tal-ġebel, imwaħħla ma' xulxin, fil-Misraħ imsejjaħ* tal-Bidwi *fl-inħawi taż-Żejtun.*

Billi l-Isqof ta' Malta, Fra Baldassare Cagliares Burlò, Malti, ta widen għat-talb bil-ħerqa li kienu għamlulu n-nies ta' Ħaż-Żabbar, fit-23 ta' Diċembru 1615, fired il-Knisja ta' Santa Marija tal-Grazzji mill-Knisja Matriċi ta' Santa Katarina V.M. taż-Żejtun bir-rieda tal-Kappillan ta' l-istess, Dun Marju Burlò, u għamilha parroċċa għaliha.

Iżda, biex għal li ġej dawn iż-żewġ Parroċċji ma jiġu qatt f'xi għelt dwar l-inħawi tagħhom u dwar l-amministrazzjoni tal-Knisja tal-Madonna tad-Dawl, li tiġi fil-qrib ta' l-imsemmi Misraħ *tal-Bidwi*, ġew magħmula tliet Slaleb, magħquda flimkien, biex juru sa fejn tasal is-setgħa ta' kull parroċċa.

F'wieħed mis-Slaleb, dak tan-nofs, jidhru mħażża, dawk il-għodod li biħom il-kiefra lhud ħaqru lil Sidna Ġesù Kristu qabel il-mewt tiegħu.

*L-Istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu fix-xatt ta' Marsaxlokk.*

Billi Dun Franġisk Tabone, miż-Żejtun—fejn dan kien prokuratur ta' l-Altar ta' Sant'Andrija — ra li, minn jum għal l-ieħor, il-għadd tas-Sajjieda fil-Port ta' Marsaxlokk qiegħed joktor u jiżdied bil-bosta, ħa ħsieb li jagħmel Statwa ta' Sant'Andrija, fuq li dan hu l-aqwa protettur tas-sajjieda. Għalhekk, Dun Franġisk beda jiġbor għaliha, u l-ewwel ma taw xi flus kienu s-sajjieda stess.

Wara li saret il-ġabra tan-nefqa li kellha ssir, fis-6 ta' Mejju 1791, beda x-xogħol ta' l-Istatwa fost l-akbar ferħ taż-Żwieten, u din fi ftit żmien kienet lesta.

L-Isqof Labini, b'reskritt tat-23 ta' Lulju 1791, żejjen dina l-Istatwa ta' Sant'Andrija b'40 jum indulġenza għal min igħid *Pater* u *Ave* quddiemha.

*L-Istatwa tal-B. V. Assunta fil-Misraħ tal-Gudja.*

Wara l-kbir u msemmi terremot li kien sar fl-1755 u li bih tħarbtet sewwa Lisbona, il-belt ewlenija tal-Portugall, ġara li f'Malta sar uragan minn l-aktar qawwi u tal-biża', u, fost il-ħsara kbira li għamel, qaleb il-Knisja tal-Mellieħa u taħtha radam bosta nies li kienu marru jiskennu fiha.

Dan il-maltemp qala' mill-Misraħ tal-Gudja, siġra tal-ħarrub li kienet imsemmija ħafna m'hux biss għall-qedem tagħha, imma wkoll għall-ħxuna tal-għaġeb li kellha.

Wara li għadda xi żmien fuq l-imsemmi maltemp, flok fejn kienet il-ħarruba, ġiet imtellgħa x-Xbieha tal-B. V. Assunta, bil-ġbir li sar bejn in-nies ta' l-istess Raħal, billi il-Madonna kienet ġiet magħżulha minn żmien ilu bħala l-protettriċi tagħhom.

Dina l-Istatwa, barra milli hi mżejna b'ħafna għajdut meħud mis-Sagra Skrittura, l-Isqof Labini żejjinha wkoll b'40 jum indulġenza għal min igħid *Salve Regina* quddiemha.

Wieħed mill-Gudja li kien jismu Pietru Zammit, billi kien devot ħafna tal-Madonna, kien jixgħelilha ta' kull jum, u billi ried li wara mewtu jibqgħu jixgħelulha wkoll, ħalla, għal dina il-ħaġa, biċċa art żgħira li tiġi fl-inħawi tar-Raħal tiegħu, imsejjaħ *ta' Ċinċja.*

Dina l-art dejjem jieħu ħsiebha l-Prokuratur tal-Knisja Parrokkjali tal-Gudja.

**Ġużè Gatt.**